MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# STQARRIJA GĦALL-MIDJA

## Aġġornament lill-investituri li għandhom investiment fl-ARM Asset Backed Securities S.A.

## Catalyst Investment Group Limited [‘Catalyst’]

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta [“MFSA”] tixtieq taġġorna lill-pubbliku rigward l-aħħar żviluppi dwar il-prodott finanzjarju ARM Asset Backed Securities S.A. [‘ARM’].

Fl-aħħar aġġornament lill-pubbliku datat 10 ta’ Diċembru 2013, l-Awtorità infurmat lill-pubbliku li l-Financial Services Compensation Scheme (‘FSCS’) tar-Renju Unit kienet qed tikkunsidra jekk Catalyst hijiex responsabbli għal parti mit-telf li sofrew xi investituri fl-ARM. L-MFSA qiegħda f’diskussjoni kontinwa mal-FSCS biex jiġi deċiż jekk investituri Maltin fl-ARM jistgħux jagħmlu talba għal kumpens mal-FSCS.

Fl-24 ta’ Dicembru 2013, l-FSCS ħarget stqarrija għal-media u infurmat lill-investituri li kien ser ikun hemm dewmien qabel tibda tilqa’ talbiet għal kumpens. L-FSCS ikkonkludiet li għandha bżonn tiġbor iktar informazzjoni qabel jibda l-proċess ta’ talbiet għal kumpens. Dan il-proċess issa huwa mistenni li jibda lejn l-aħħar ta Frar jew Marzu 2014.

L-Awtorità tixtieq tfakkar lill-pubbliku li f’dan l-istadju, l-FSCS għadha ma ddeterminatx jekk l-investituri Maltin fl-ARM humiex eliġibbli għal kumpens. L-Awtorità qed taħdem mal-FSCS biex tipprovdi l-informazzjoni mitluba. L-Awtorità se tkompli taġġorna lill-investituri Maltin rigward żviluppi ġodda.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta**
**9 ta’ Jannar 2014**
**Ref: MFSA MR 01/2014**